Il-lejla lejliet Lapsi,
In-nies tal-belt iġerru d-dgħajjes;
Kannestru biċ-ċirasa
Fuq il-mejda tal-għarejjes;

Fuq il-mejda tal-għarejjes; u t-tħabbit ta' l-idejn u t-tisfir tas-subien għanja wara l-oħra, u d-daħk tal-bniet.

Ommi għamlitli bandla
Għamlithieli fuq il-bejt;
Ma kellix min ibandalni
Tala' Gori għarkobtejh;

u sejrin dejjem sa ma x-xemx tgħib wara l-għoljiet u l-ommijiet u n-nanniet igħidu biżżejjed.

U hekk il-Għid ta' Lapsi jasal u jgħaddi bħall-għidien oħra, u n-nies ta' qalbhom safja jitfarrġu b'mogħdija tażżmien xierqa u jisbħu l-għada henjin u mhejjija għall-ħidma ta' kull jum kif irid Alla.

T. Z.

17-2-34

## L-ID TA' L-IMGĦALLEM

Nistagħġeb bil-ħut tal-baħar
Kif igħum, ma jiffogax;
Nistagħġeb bit-tajr ta' l-ajru
Kif jissaqqar ma jaqax;

L-għaġeb kbir — kif f'għalqa waħda,
Bl-istess ilma, msoqqijin;
U, la l-lewn, lanqas it-togħma.
M'għandu l-frott bħal ta' xulxin.

R. M. B.

## SERQ MILL-KNISJA TA' LAMPEDUSA

L-Eremit li jissemma fi ġrajjiet il-gżira ta' Lampedusa, kien Franċiż, raħeb ta' l-Ordni ta' San Frangisk. Lil dan sibnieh imsemmi aktar minn b'isem wieħed. L-isem tiegħu kien Ġann Klawdju Lazzarette. Oħrajn iġibuh b'Manweli Klawdju. U xi uħud bi Klement.

Għall-bidu ta' l-1707 Patri Klawdju ġie lejn Malta. Kif kien hawn, ġabar xi flus minn għand il-Maltin. B'dawn il-flus li qala' ġiegħel li jagħmlulu Kalċi għall-Knisja ta' Lampedusa.

Ix-xogħol tal-Kalċi sar mill-Imgħallem Toni Famocelli, li dik il-ħabta kien wieħed mill-konslijiet tal-Arġentiera. Il-patena u l-Kalċi kienu tal-fidda; iżda s-sieq ta' dan kienet tar-ram. B'kollox ġie jkum mat-22 skud.

Meta Patri Klawdju ta' x-xogħol lil Famocelli, għarraf ukoll lil dan, li hu sejjer jibqa' jgħix ta' Eremit f'Lampedusa biex jieħu ħsieb ta' dik il-Knisja. U qala' din is-setgħa, li jista' joqgħod f'dik il-Gżira, minn għand il-Papa u l-Ministri ta' l-Ordni.

Patri Klawdju telaq minn Malta għal Lampedusa fl-1707. Miegħu ħa l-Kalċi għall-Knisja ta' dik il-Gżira. Iżda wara xi żmien li qagħad hemm, ħalla kollox warajh u telaq minn Lampedusa. B'hekk, dil-Gżira baqgħet battala. Patri Klawdju dam imwarrab minn hemm għal bosta żmien. Meta l-kittieb Massa fl-1709 mar f'Lampedusa, ma sab lil ħadd igħammar fiha.

F'Ġunju tal-1708 xi xwieni ta' Malta marru f'Lampedusa. Wara xi jiem li damu hemm, fit-3 ta' Ġunju telqu mill-Gżira. Iżda waqt li x-xwieni kienu f'Lampedusa, naqas wieħed missuldati tal-frejgata *San Ġużepp*, jismu Ġakbu. Dan baqa' f'Lampedusa waħdu, billi din kienet battala min-nies.

Fiż-żmien li Galiano kien igħix waħdu, f'Lampedusa daħal bastiment Malti, tal-Padrun Dumink Zammit. Dan mar fil-Gżira